

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1853

tal-10 ta' Ottubru 2017

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' April 2017, il-Litwanja talbet awtorizzazzjoni għal miżura ta' deroga mill-punt 11 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkompli teżenta ċerti persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 45 000. Permezz ta' dik il-miżura, dawk il-persuni taxxabbli jkunu eżenti minn ċerti obbligi jew mill-obbligi kollha fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (2) Il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittri li jgħibu d-data tat-8 ta' Mejju 2017 u l-10 ta' Mejju 2017 bit-talba magħmula mil-Litwanja. Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Litwanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.
- (3) Skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar hija diġà disponibbli għall-Istati Membri taħt it-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Il-miżura estiża tidderoga mit-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE sa fejn biss il-limitu għall-iskema speċjali tal-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli jkun oġġla minn dak permess għal-Litwanja skont il-punt 11 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, li huwa ta' EUR 29 000.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/335/UE <sup>(2)</sup>, il-Litwanja kienet awtorizzata, bħala miżura derogatorja, li teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 45 000 sal-31 ta' Diċembru 2014. Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/795/UE <sup>(3)</sup> il-miżura ta' deroga ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2017.
- (5) Minħabba li dan il-limitu fiss irriżulta f'obbligi mnaqqsin tal-VAT u għalhekk fi tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi għall-impriżi ż-żgħar, il-Litwanja għandha tkun awtorizzata tapplika l-miżura għal perjodu ieħor limitat, sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-persuni taxxabbli xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/335/UE tat-30 ta' Mejju 2011 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 150, 9.6.2011, p. 6).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/795/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 44).

- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar huma soġġetti għal rieżami u għaldaqstant tista' tidħol fis-seħħ Direttiva li temenda dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE qabel il-31 ta' Diċembru 2020.
- (7) Mill-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja, l-estensjoni tad-deroga ser ikollha biss impatt negliġibbli fuq l-ammont globali ta' dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju finali tal-konsum.
- (8) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mit-taxxa fuq il-valur miżjud billi l-Litwanja ser twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 1553/89 <sup>(1)</sup>,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/335/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2020 jew sad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE, skont liema data tiġi l-ewwel.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. TÖNISTE

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠUL 155, 7.6.1989, p. 9).